MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 904/2005/1

**J & E Griscti Limited**

**vs**

**Jesmond Sant u Rita Sant**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Mejju, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba li biha s-socjeta` attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta` elf, mitejn u erbgha u tletin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm1,234.83c) rapprezentanti prezz ta` merci lilhom mibjugha u kkonsenjati mill-istess socjeta` attrici liema prezz il-konvenuti naqsu milli jhallsu.

Ra r-risposta ta` Rita Sant li biha eccepiet li hija qatt ma trattat mal-kumpanija attrici stante l-fatt li n-negozju ta` Save & Smile kien dejjem gestit mill-konvenut Jesmond Sant.

Ra r-risposta tal-konvenut Jesmond Sant li biha wiegeb illi bejn il-konvenuti ghaddejjin prezenzjalment proceduri ta` separazzjoni personali liema proceduri jinsabu quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Li hemm kontestazzjoni minn naha tal-konvenuta Rita Sant fil-proceduri ghas-separazzjoni u li dawn l-ammonti huma dovuti minnha, izda mir-ragel taghha biss u cioe` Jesmond Sant. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu jekk jigi deciz li dawn l-ammonti mitluba fl-avviz de quo huma dovuti se mai ghandhom jigu mhallsa nofs b' nofs bejn il-konvenuti stante li bejniethom kien u ghad hemm vigenti l-komunjoni tal-akkwisti. Illi ghaldaqstant it-Tribunal ma jkollux l-gurisdizzjoni mehtiega biex jidhol fi kwistjonijiet tal-komunjoni tal-akkwisti izda l-gurisdizzjoni tkun limitata jekk l-ammont huwiex dovut jew le.

Sema` x-xhieda ta` Edwin Grixti u ta` Rita Sant.

Ikkonsidra

Illi mill-provi prodotti jirrizulta minghajr dubju illi t-talba attrici certament tisthoqq li tigi milqugha fil-konfront ta` Jesmond Sant u dan billi jirrizulta car illi Jesmond Sant, li kien qed jiggestixxi l-hanut Save & Smile il-Mosta xtara l-merkanzija in kwistjoni u ma hallasx ghaliha.

Id-dejn in kwistjoni jirrisali ghall-perjodu bejn it-12 ta` Novembru 2003 u t-3 ta` Novembru 2004. Rita Sant kienet tahdem fis-supermarket in kwistjoni sa Lulju 2003 izda minn Mejju 2003 inqalghu kwistjonijiet matrimonjali bejnha u bejn zewgha l-konvenut l-iehor, imbaghad f' Lulju 2003 bdew proceduri ta` separazzjoni personali u jirrizulta wkoll illi minflok ma baqghet il-konvenuta fil-hanut, dahlet mara ohra minflokha li maghha huwa allegat li l-konvenut ghandu relazzjoni.

Fil-premessi tal-Avviz l-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenuti jigi kkundannati jhallsu ghaliex qed jallegaw li l-konvenuti xtraw il-merkanzija in kwistjoni. It-Tribunal huwa sodisfatt illi fil-fatt il-konvenuta ma kellha l-ebda partecipazzjoni fin-negozju in kwistjoni. Fiz-zmien in kwistjoni kien hemm proceduri ta` separazzjoni personali ghaddejjin bejnha u bejn il-konvenut u ghalhekk, fil-konfront tal-konvenuta, ma jistax jinghad li s-socjeta` attrici rnexxielha ggib prova sodisfacenti illi l-konvenuta xtrat il-merkanzija in kwistjoni.

Issa s-socjeta` attrici qeda tikkontendi illi bejn il-konjugi Sant japplika r-regime tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk anke jekk fil-fatt jirrizulta li n-negozju sar biss ma' zewgha, stante li l-komunjoni tal-akkwisti ghadha veljanti, l-konvenuta wkoll trid taghmel tajjeb ghad-dejn in kwistjoni imbaghad, fir-relazzjonijiet interni ta` bejniethom, din tigi kwistjoni separata.

Fuq bazi legali, din l-asserzjoni hija korretta izda mill-banda l-ohra ma jirrizultax provat li fil-fatt topera l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi Sant. Ma saru l-ebda mistoqsijiet lill-konvenuti jekk hemmx il-komunjoni tal-akkwisti veljanti bejniethom u hemm biss asserzjoni fir-risposta tal-konvenut li baqa` ma xehedx.

Illi inoltre, anke jekk ghall-grazzja tal-argument wiehed kellu jaccetta li japplika r-regime tal-kommunjoni tal-akkwisti, t-Tribunal huwa tal-fehma li ghandhom japplikaw d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 1327.d u 1326 tal-Kap 16. Taht l-Art 1327.d ma taghmilx tajjeb l-kommunjoni tal-akkwisti ghal dejn li jigi kontratt minn parti wahda. Inoltre, taht l-Art 1326 huwa konsentit li parti li ma tkunx kuntratt u li ssir taf b'dejn kontratt mill-konjugi l-iehor jista jigi mehlus jekk jipprezenta azzjoni opportuna fi zmien tlett xhur minn meta jsir jaf bid-dejn de quo.

Fil-kaz odjern l-konvenuta saret taf bid-dejn de quo meta giet notifikata bl-avviz ghas-smiegh u fir-risposta taghha li saret entro t-terminu ta tlett xhur hija wiegbet li d-dejn de quo sar minghajr l-kunsens taghha u li m'ghandhiex taghmel tajjeb ghalih. Huwa minnu li hija ma pprezentatx kawza ad hoc jew kontro-talba izda t-tribunal huma tal-

fehma li r-risposta kif presentata tinvinta lil dan t-Tribunal sabiex jaghamel l-ezercizzju kontemplat fl-artikolu 1326 fuq imsemmi.

A tenur tac-cirkostanzi fuq imsemija u partikolarment billi jirrizulta li d-dejn de quo gie kontrattat fiz-zmien meta l-konvenuti kienu ghaddejjin minn process ta` separazzjoni personali, meta qabel il-process tas-separazzjoni ma jidhirx li kien jkun hemm dejn izda, mill-mument li bdew tali proceduri mhux eskluz li l-konvenut beda jipprova jannentja l-konsistenza tal-assi t-Tribunal huwa tal-fehma li fil-konfront tal-konvenuta, l-obbligazzjoni de quo ma tistax titqies bhala valida.

Finalment, anke fuq bazi ta' ekwita ma jkunx gust u ekwu li l-konvenuta tigi mgeghla thallas dejn simili u dan wkoll billi jihder li s-socjeta' attrici tat credit facility minghajr ma hasset il-htiega li tesigi l-kunsens formali tal-mara. Is-socjeta` attrici tat l-facilita b' riskju li jekk l-mara ssir taf u toggezzjona, hija tkun tista` tehles mill-obbligu tal-hlas.

Illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-eccezzjonijiet tal-konvenut Jesmond Sant u mill-banda l-ohra l-eccezzjoni tal-konvenuta Rita Sant giet sodisfacentement ipprovata u qeda tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba tas-socjeta` attrici fil-konfront tal-konvenut Jesmond Sant. Jichad it-talba fil-konfront tal-konvenuta Rita Sant stante illi ma gietx debitament ippruvata. Ghar-rigward tal-ispejjez, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dawk ta` Rita Sant jithallsu minnha stess, filwaqt li l-ispejjez l-ohra kollha jithallsu mill-konvenut Jesmond Sant."

Fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza s-socjeta` attrici tavvanza dawn l-ilmenti:-

(1) Kuntrarjament ghal dak ritenut mit-Tribunal, hi presunzjoni legali dettata mill-Artikolu 1316 (1), Kodici Civili illi bejn il-konvenuti jvigi r-regim tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

(2) Ghall-fattispeci tal-kaz in ezami huwa applikabbli d-dispost ta' l-Artikolu 1324 tal-Kapitolu 16 u mhux l-Artikoli 1326 u 1327 (d) kif hekk erronjament ikkonkluda t-Tribunal. F' kull kaz, it-Tribunal lanqas seta' in bazi biss ghar-risposta tal-konvenuta Rita Sant jikkunsidra l-materja mill-ottika ta' l-Artikolu 1326;

(3) Minn imkien ma jirrizulta mill-atti illi d-debitu kkontrattat mill-konvenut Jesmond Sant kien mahsub u intiz biex dan janjenta l-konsistenza ta' l-assi bejnu u martu, u allura dak ragunat mit-Tribunal ma jistax hlief jitqies bhala asserzjoni gratuwita;

Innegabilment, l-aggravji sottomessi ghall-iskrutinju u decizjoni minn din il-Qorti jinvestu kontestazzjoni ta' riljev fuq punti ta' dritt li jokkorru jigu approfonditi. Opportunement, pero`, tajjeb li qabel xejn jigu registrati fil-qosor dawn il-fatti:-

(1) Mid-deposizzjoni tal-konvenuta Rita Sant (fol. 41) jirrizulta li hi u l-konvenut l-iehor zewgha kienu jiggestixxu flimkien *supermarket* fil-Mosta bl-isem "Save & Smile";

(2) Minhabba disgwid bejn il-konjugi l-imsemmija konvenuta telqet il-gestjoni taghha ta' dan is-*supermarket* wara l-ahhar ta' Lulju 2003. Jinghad minnha illi hi bdiet proceduri ghas-separazzjoni personali pero` ma ghamlet ebda att biex tinibixxi lil zewgha milli jkompli jezercita negozju mis-*supermarket*;

(3) Il-kreditu li tieghu intalab il-hlas mis-socjeta` attrici jikkonsisti f' bejgh ta' prodotti lis-*supermarket* wara Lulju 2003;

Premessi dawn il-fatti, jinsab accertat mix-xhieda tal-konvenuta Rita Sant illi hi u l-konvenut l-iehor Jesmond Sant kienu unixxew ruhhom bi zwieg, tant li, kif spjegat minnha, hi kienet ghaddiet 'il quddiem biex tissepara minn

mieghu. Il-fatt ta' din is-separazzjoni jippresupponi l-ezistenza ta' zwieg u li allura l-koppja kienet tinsab f' regim ta' komunjoni. Il-prova ta' dan taghmilha d-disposizzjoni ta' l-Artikolu 1316 (1) Kodici Civili li jipprovdi illi "iz-zwieg li jsir f' Malta igib ipso jure bejn il-mizzewgin, il-komunjoni ta' l-akkwisti, meta ma jkunx hemm ftehim xort' ohra b' att pubbliku". Minn dan jitnissel illi d-drittijiet tar-ragel u tal-mara mizzewga ghall-komunjoni jibdew minn dakinhar taz-zwieg u jispiccaw malli jinhall iz-zwieg (Artikolu 1319, Kodici Civili);

Stabbilit li fil-kaz tal-koppja Sant kienet operativa l-komunjoni u li din, ghallanqas in bazi ghall-atti probatorji, kienet ghadha ma nhalletx, l-ezami li jsegwi hu dak jekk l-atti ta' l-akkwist tal-merce minghand is-socjeta` attrici da parti tar-ragel, u li fihom il-mara ma kienetx kompartecipi wara Lulju 2003, ghandhomx jitqiesu debiti li ghalihom jirrispondu l-assi tal-komunjoni, o meno;

Ordinarjament, a norma ta' l-Artikolu 1322 (2) (g), il-Kodici Civili taghna iqis "l-akkwist ta' proprjeta` mobbli … li l-prezz tieghu ma jithallasx mal-konsenja jew qabel", kif hekk apparentement jidher li huma l-akkwisti tal-merce f' dan il-kaz, bhala att ta' amministrazzjoni straordinarju u, konsegwentement, tali att, kif ukoll il-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwaru, imiss liz-zewg mizzewgin flimkien. Dan jibqa' hekk il-kaz sakemm dak l-att ma jkunx ukoll wiehed li jitqies ri-entranti fl-"atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni" ghal liema jirreferi l-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili. Artikolu dan li, kif drabi ohra mfisser, "ma japplikax ghal kull att tal-kummerc kif definit mill-Kodici tal-Kummerc izda kien japplika biss fil-kaz ta' persuna li tkun qed tizercita kummerc, negozju jew professjoni bhala attivita` ekonomika u li fiha l-kuntrattazzjoni taht ezami setghet tinkwadra ruhha bhala att normali tal-gestjoni taghha" ("**Grazio Patiniott *et* -vs- Anthony Cini *et***", Appell, 5 ta' Ottubru 2001). Minn dak trapelat mill-provi huwa indubitat illi l-atti mwettqa mill-konvenut Jesmond Sant kienu "atti normali" tal-gestjoni minnu tas-*supermarket* u tal-ko-gestjoni flimkien ma'

martu tan-negozju minn dan l-istess *supermarket*, ghallanqas sa l-ahhar ta’ Lulju 2003. Ghal fattispeci allura jircievi applikabilita` d-dispost ta’ l-Artikolu 1324;

It-tezi propunjata mis-socjeta` attrici appellanti dwar l-applikabilita` ta’ l-Artikolu 1324 hi ghalhekk dik korretta. Din it-tezi, kondiviza minn din il-Qorti, ghandha tikkonduci biex jigi ritenut illi fil-kaz ta’ l-obbligazzjoni assunta mill-konvenut Jesmond Sant u li ghandha karattru negozjali, u mhux personali, tiddetermina di fronte ghat-terza socjeta` li maghha kkuntratta is-sodisfaciment ta’ interess komuni, f’ liema kaz ghandha twiegeb il-komunjoni ta’ l-akkwisti. Din il-Qorti gja kellha okkazjoni taghmel accenn ghal ragonament simili fid-decizjoni taghha ta’ l-4 ta’ Ottubru 2006 in re: “**Poultry Products Ltd -vs- Gesmond Sant *et***”, fejn l-odjerni konvenuti kienu wkoll ko-involti, anke jekk imbaghad dik id-decizjoni kellha ghal dak li ntqal fiha ssegwi binarju iehor u konkluzjoni diversa minn dik prezenti;

Dejjem rigwardata l-materja mill-perspettiva tat-terz li mieghu r-ragel debitur ikkuntratta, intqal sewwa mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili illi “l-iskop ta’ l-Artikolu 1324 hu ntiz biex, fil-konfront tat-terz, il-komunjoni tintrabat anke meta att straordinarju jsir minn konsort wiehed biss, basta li jkun att ‘normali’ ta’ gestjoni ta’ kummerc”. (“**Claudette Gauci -vs- Paolo Bonnici Limited *et***”, 9 ta’ Ottubru 2003, per Imhallef Tonio Mallia);

Ghal kjarezza, qed jigi rilevat illi hemm atti li jirrikjedu l-intervent taz-zewg konjugi [Artikolu 1322 (2)] u hemm ukoll atti li wiehed mill-konjugi jista’ jgib fis-sehh *uti singuli* [Artikolu 1324 jew l-Artikolu 1327 (c)]. F’ dawn l-istanzi t-terz kreditur huwa legittimat li jissodisfa l-kreditu tieghu fuq il-beni tal-komunjoni. Dan ghar-raguni illi dawk l-atti jinciedu fuq ic-cespiti li jifformaw parti mill-patrimonju tal-komunjoni. Naturalment, u skond il-ligi, l-istess terz kreditur huwa ulterjorment tutelat billi *in subordine* idur fuq il-beni personali ta’ dak biss fost il-konjugi li ghamel in-

negozju u ndahal ghar-responsabilita` kontrattwali diretta. Jigi allura illi r-ragel jirrispondi ghad-dejn *de quo* mhux biss bis-sehem tieghu mill-komunjoni imma anke bil-beni tieghu proprji, mentri l-mara hija biss responsabbli sal-konkorrenza ta' sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Dan hu bil-wisq car mill-kontenut tan-norma fl-Artikolu 1330 tal-Kodici Civili;

Konsiderata l-materja taht dan il-profil ta' hsieb huwa ferm palesi illi c-censura tas-socjeta` attrici fir-rigward tas-sentenza appellata hi manifestament fondata;

Jekk trid din il-Qorti tista' tieqaf hawn in kwantu ma tarax in-necessita` li tikkonsidra l-ilmenti l-ohra mqanqla. B' danakollu, il-Qorti thoss li certi riljevi guridici skorretti ravvizati fis-sentenza appellata ma jistghux jithallew bla kumment;

Ibda biex ir-risposta tal-konvenuta Rita Sant ma setghet qatt isservi ta' pretest biex it-Tribunal jikkontempla l-materja quddiemu fil-parametri ta' l-Artikolu 1326 Kodici Civili, u li, del resto, kif manifest, ma jiccentrax fil-kaz in ispecje. L-azzjoni *de quo* ma kienetx qeghda ssir mill-mara fil-kontestazzjoni ta' l-atti maghmula minn zewgha izda mit-terz kreditur ghall-hlas tal-kreditu tieghu. Ankorke kellu jitqies l-Artikolu 1326 dan kjarament jikkontempla l-ezercizzju ta' azzjoni u dan huwa bil-wisq ovvju. Biex att jigi mhassar u mwaqqa' ghal xi raguni li ssemmi l-ligi dik l-annullabilita` trid per forza tkun dedotta b' azzjoni u mhux permezz tar-risposta jew ta' eccezzjoni. Ara **Kollez. Vol. XXVI P III p 642** u **Vol. XXIX P I p 452**;

Minn imkien mill-atti ma tezisti prova, anke wahda indizzjarja, illi kellha tissuggerixxi lit-Tribunal illi l-konvenut Jesmond Sant kien qed jipprova jgib fix-xejn il-konsistenza ta' l-assi. Il-gudikant ma ghandux jaghmel deduzzjonijiet bazati fuq kongetturi jew supposizzjonijiet izda ghandu joqghod limitatament fl-ambitu tal-provi

konkreti, jaghmel il-valutazzjoni tieghu dwarhom, anke jekk bil-metru ta' l-ekwita`, u jghaddi ghad-decizjoni in bazi ghal dik il-valutazzjoni dwar l-elementi processwalment akkwiziti. F' dan il-kaz ma jidherx, fil-hsieb tal-Qorti, illi t-Tribunal adit segwa dan l-*iter* u minflok, in kwantu jitratta minn dan l-aspett, irrikorra ghal sintesi personali elaborata fl-astratt. Anke f' dan hi ghal kollox gustifkata l-obbjezzjoni tas-socjeta` appellanti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell lilha devolut u b' hekk tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tirrevoka dik il-parti taghha fejn cahdet it-talba attrici di fronte ghall-konvenuta appellata Rita Sant u b' hekk tghaddi biex tikkundanna lil din, flimkien mal-konvenut Jesmond Sant, taghmel tajjeb ghall-pretensjoni kreditorja tas-socjeta` attrici, limitatament pero` sal-konkorrenza ta' sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti. L-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jitbatew miz-zewg konvenuti flimkien.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------